MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2011

Numru. 81/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Victor Aqulina)**

**vs**

**Grazio Spiteri ta’ 56 sena, iben il-mejjet Guiseppe u Maria xebba Farrugia, imwieled iz-Zejtun nhar il-15 t’Ottubru 1951 u residenti Flat 8, Block E, Door B, Triq tac-Cawla, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ numru 820451(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Grazio Spiteri li gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fl-24 ta’ Lulju 2008 u fix-xhur ta’ qabel;

Kellu fil-pussess tieghu id-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Pricipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-ordinanaza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-drogi msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija  u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinietx ghal uzu esklussiv tieghu.

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 28 ta' Settembru 2009;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien bizzejjed jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-amissjoni bikrija tal-imputat u l-ko-operazzjoni tieghu mal-Pulizija, izda ma tistax tinjora l-fedina penali tal-imputat;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat it-Taqsima 4 u 6 tal-Ordinanza Dwar il-Medicni Perikoluzi, l-artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-G.N. 292/1939 kif sussegwentement emendati fil-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' disa' (9) xhur prigunerija u multa ta' hames mitt ewro (€500);

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-dokument 'VA' u tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jaghmel dan.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------